MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Numru. 12/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Maria Georgette Spiteri Gambin**

Kaz Numru: 12/2013

Illum 24 ta' Settembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Maria Georgette Spiteri Gambin**, ta' erbghin (40) sena, bint il-mejjet

Joseph Spiteri u Frances neé Sultana, imwielda r-Rabat, Ghawdex, nhar il-5 ta' Diċembru 1971, residenti No. 14, Triq Salvu Gambin, Ghasri, Ghawdex, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 30971(G) li giet akkuzata talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju tal-2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, pruvat u cioé ttantat li thajjar tikkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku jew persuna ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 126) datata 4 ta' Dicembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 18 u 120(2) b'riferenza ghall-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 127), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Dicembru 2013, f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx u anqas ressqet ebda provi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni tas-17 ta' April 2014 (*a fol.* 129 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2014, is-sottomissjonijiet finali tad-difiza (*a fol.* 135 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 134) fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sal-20 ta' Gunju 2014 sabiex taghmel is-sottomissjonijiet ulterjuri taghha bil-miktub u tat zmien ukoll lill-Prosekuzzjoni sal-15 ta' Lulju 2014 biex tirreplika, jekk trid, u lid-difiza zmien sat-30 ta' Lulju 2014 biex taghmel kontro-replika, jekk ikun il-kaz.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza tal-20 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 138 *et seq.*) li giet notifikata lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone fl-24 ta' Gunju 2014.

Rat li ma giet prezentata l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet ohra mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' April 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 10 *et seq.*) fejn spjega li fis-6 ta' Settembru 2012 kienet qed tinstema kawza ta' separazzjoni minn Qorti diversament preseduta li kienet tinvolvi lil Michael Gambin u l-imputata martu fejn fir-rapport li kien mhejji mis-*social worker* Stephanie Muscat saru allegazzjonijiet li l-imputata kienet pruvat tghaddielha xi flus f'aktar minn okkazzjoni wahda u ghalhekk il-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga dawn l-allegazzjonijiet.[1] Jghid x'kienu jinvolvu l-investigazzjonijiet tieghu fejn Stephanie Muscat allegat li l-imputata ppruvat tghaddielha xi flus f'zewg okkazzjonijiet: darba fit-12 ta' Novembru 2010 u darb'ohra fit-18 ta' Dicembru 2010. Jghid ukoll li f'Gunju 2011 kien sar kuntatt mas-*social worker* Peter Paul Portelli minn Edelon Spiteri, hu l-imputata, fejn dan iltaqa' ma' Portelli u ghaddielu *envelope* li qallu li kien minn ghand ohtu l-imputata u meta fethu kien hemm xi flus. Ezebixxa dikjarazzjoni u stqarrija rilaxxata mill-imputata, li gew immarkati bhala Dok. "FT 1" u "FT 2" (*a fol.* 13 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' April 2013, xehed ukoll **Peter Paul Portelli** (*social worker – a fol.* 20 *et seq.*) fejn qal li lill-imputata jafha peress li l-Qorti kienet irreferiet il-kaz ghandhom sabiex jiehdu hsieb jaraw jiffacilitaw l-access tal-missier ghat-tliet uliedu minuri. Jghid li l-kaz gie riferut lilhom fid-9 ta' Settembru 2010 u li l-kaz l-ewwel gie riferut lil Stephanie Muscat. Jghid li l-access ghal bidu kien sejjer tajjeb hafna pero wara li sar suggeriment sabiex l-access jitwal, l-attitudni tat-tfal lejn il-missier bdiet issir negattiva. Jghid li minhabba li kien hemm xi mgieba aggressiva fil-konfront tas-*social worker* Muscat, il-kaz kellu jigi assenjat lis-*social worker* Antoinette

[1] *Vide* vera kopja tal-verbal li gie mmarkat bhala Dok. "B" (*a fol.* 8 *et seq.*).

Camilleri u li l-imgieba tat-tfal dejjem bdiet tiddeterjora, nghad li kien hemm abbuz sesswali u li eventwalment l-access waqaf ghal kollox. Jghid li darba minnhom cempillu Edelon Spiteri, Surgent tal-Pulizija, hu l-imputat, u qallu li ried jiltaqa' mieghu, ltaqghu u Spiteri tah *envelope* u qallu li dak kienet baghtitulu ohtu l-imputata. Jghid li ma kienx jaf x'kien fih l-*envelope* u anqas staqsa x'kien fih. Jghid li meta wasal l-ufficcju fetah l-*envelope* u sab zewg karti tal-hamsin Euro (€50.00). Jghid li Stephanie Muscat qaltlu li l-imputata kienet tatha xi flus darbtejn u spjega li darba minn dawn iz-zewg drabi kienet tatha mitt Euro (€100.00) go kartolina tal-Milied. Jghid li hija haga normali li klijenti jaghtuhom kartolina tal-Milied u haga normali wkoll li klijenti jistaqsuhom jekk humiex obbligati xi haga. Jghid li sar kuntatt mal-imputata biex tmur l-ufficcju, hi marret ma' huha Edelon u quddiem is-*social workers* Stephanie, Antoinette, Miriam Farrugia u Angie Said qalilha li din kienet it-tielet darba li ppruvat tghaddielhom xi flus u li din il-haga kellha tieqaf. Jghid li din il-haga ma regghetx grat.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, xehdet **Stephanie Muscat** (*social worker – a fol.* 35 *et seq.*) fejn qalet li kienet giet inkarigata biex issegwi l-access tat-tliet itfal tal-imputata, liema access kien wiehed *supervised*. Tghid li damet issegwi l-kaz madwar sena u wara li wiehed mit-tfal bezaq lejha, ma baqghetx issegwi l-kaz u l-kaz gie assenjat lil Antoinette Camilleri. Tispjega li darba minnhom, f'Novembru 2010, meta l-imputata u hi kienu mitftehma jiltaqghu hdejn l-Arkadia biex jitkellmu rigward it-tfal, l-imputata qaltilha: *"Intik xi haga talli taghmel tal-pacenzja li tiehu mat-tfal"* (*a fol.* 37). Tghid li lill-imputata qaltilha li hi ma taccettax flus. Tixhed li wara xahar l-imputata tatha kartolina tal-Milied u fiha kien hemm madwar mitt Euro (€100.00) u tispjega kif lill-imputata qaltilha li ma taccettax rigali u li hi kienet qed taghmel xogholha. Tghid li wara dawn iz-zewg okkazzjonijiet, Peter Paul Portelli kien sejjah laqgha, f'liema

laqgha kien hemm il-*unit* kollu u kif ukoll l-imputata. Tghid li l-ghan tal-laqgha kien biex ma jergghux isiru dawn l-affarijiet. Tghid li jekk mijiex sejra zball il-laqgha kienet f'Dicembru 2010. Ezebiet in-notamenti taghha u dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok. "SM 1" (*a fol.* 44 *et seq.*). Tghid li kull meta l-imputata offrietilha l-flus, hi (l-imputata) dejjem irringrazjatha tax-xoghol li kienu qeghdin jaghmlu.

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li meta ltaqghet hdejn l-Arkadia mal-imputata, l-imputata offrietilha l-flus bhala ringrazzjament u ma talbitha biex taghmel l-ebda haga. Tghid li l-imputata ma tatha l-ebda flus f'idejha u anqas taghraf kemm kienu. Tikkonferma li t-tieni darba l-imputata tatha flus go kartolina tal-Milied u li din il-kartolina giet moghtija lilha fl-ufficcju. Tghid li meta tatha din il-kartolina, l-imputata qaltilha li kienet qed taghmel hekk bhala apprezzament tax-xoghol li kienu qed jaghmlu mat-tfal.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, xehdet ukoll **Antoinette Camilleri** (*social worker – a fol.* 85 *et seq.*) fejn qalet li originarjament is-*social worker* tat-tfal tal-imputata kienet Stephanie Muscat u mbaghad il-kaz gie assenjat lilha. Tghid li l-kaz gie assenjat lilha fit-30 ta' Awwissu 2011. Tispjega li saret laqgha fejn kien hemm prezenti l-membri kollha tal-*unit* u l-imputata u huha u li din il-laqgha saret wara li kien hemm tlett okkazzjonijiet fejn ppruvaw jghaddu flus. Tghid li jekk mhijiex sejra zball il-laqgha saret fis-sajf tal-2011. Tixhed li l-imputata lilha qatt ma offrietilha flus u li qatt ma rceviet kartolini minn ghandha.

In kontro-ezami tghid li fil-laqgha nghad li huma ma jaccettawx flus. Tghid li fil-Milied gie li jehdulhom kaxxa cikkulatini u huma jaccettawha.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2013, **Edelon Spiteri** (hu l-imputata) (*a fol.* 102) ghazel li ma jixhidx.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2013, xehdet **Angie Said** (*social worker – a fol.* 103 *et seq.*) fejn spjegat li l-imputata kienet tiehu t-tfal ghal visti *supervised* u li kien hemm tip ta' rezistenza peress li t-tfal qatt ma riedu jibqghu hemmhekk. Tghid li kienet prezenti ghal laqgha fejn kien hemm prezenti l-*unit* kollu kif ukoll l-imputata u huha Edelon Spiteri u fost l-ohrajn inghad lill-imputata li huma ma jaccettawx flus.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2013, xehdet ukoll **Miriam Farrugia** (*social worker – a fol.* 108 *et seq.*) fejn qalet li darba minnhom meta s-*social worker* Stephanie Muscat marret lura l-ufficcju wara laqgha li kellha mal-imputata, Muscat qaltilha li l-imputata kienet ghaddietilha xi flus u li hi (Muscat) ma accettathomx. Tghid li, wara xi zmien, Peter Paul Portelli kien sejjah laqgha ghax l-imputata ppruvat tghaddielu xi flus ukoll. Tghid li f'din il-laqgha kien hemm prezenti l-*unit* kollu u kif ukoll l-imputata u huha Edelon Spiteri. Tixhed li f'din il-laqgha gie diskuss, fost l-ohrajn, il-fatt li l-imputata ppruvat tghaddi xi flus u biex haga bhal din ma tergax tirripeti ruhha.

In kontro-ezami tghid li l-imputata lilha qatt ma offrietilha xi flus jew xi haga. Tghid li fil-laqgha Peter Paul Portelli rritorna l-flus li kien tah hu l-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 14 *et seq.*) rilaxxata minnha lill-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat id-dritt li tikkonsulta ma' avukat u hija ma haditx dan id-dritt (Dok. "FT 1" – *a fol.* 13), l-imputata cahdet li dakinhar tat-12 ta' Novembru 2010 offriet xi flus lil Stephanie Muscat meta ltaqghet maghha fejn l-Arkadia. Tghid li kienet Muscat li kienet baghtet ghaliha biex tkellimha u anqas biss kellha flus fuqha. Meta mistoqsija tghid jekk hux minnu li fit-18 ta' Dicembru 2010 kienet ghaddiet *envelope* lil Stephanie Muscat b'mitt Euro (€100.00) fih, tichad. Mistoqsija tghid jekk kienx hemm xi drabi fejn hi pruvat tghaddi xi flus lil xi *social worker*, twiegebn li darba minnhom kienet staqsiet lil Peter Paul Portelli jekk kienitx obbligata xi haga. Tghid li domanda simili kienet ghamlitha wkoll lil Stephanie Muscat u dana peress li kienu qeghdin jaghmlu numru ta' fotokopji lit-tfal u kienu jaghtuhom hafna karti biex jiktbu l-*cards* fuqhom. Tghid li fil-perijodu tal-Milied tal-2010 Peter Paul Portelli kien gibdilha l-attenzjoni li s-sitwazzjoni ma setghetx tibqa' sejra ghaliex kien qieghed isir hafna hela mir-rizorsi tal-ufficcju. Tghid li kienet tat kartolina tal-Milied lil Peter Paul Portelli u fiha poggiet ghoxrin Euro (€20.00) jew hamsin Euro (€50.00) biex ikopru l-ispejjez tal-ufficcju u peress li kien ghad fadal jumejn ghal Milied u ma setghetx taghmel kuntatt ma' Portelli l-ufficcju qalet lil huha Edelon Spiteri biex jara jekk jirnexxilux jaghti l-kartolina huwa lil Peter Paul Portelli. Tichad li ppruvat tghaddi xi haga lil Stephanie Muscat u li kull ma qaltilha kien jekk kienitx obbligata xi haga minhabba l-ispejjez tal-ufficcju in kwantu ta' karti u fotokopji. Rigward il-laqgha li giet imsejha minn Peter Paul Portelli tghid li din saret fis-sajf, probabbli tal-

2011. Tghid li fil-laqgha Peter Paul Portelli kien qal li huma ma kienux jaccettaw flus.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputata qed tigi akkuzata li ttantat thajjar tikkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku. Il-Prosekuzzjoni tirreferi ghal tliet okkazzjonijiet partikolari, darbtejn fejn kien hemm involuta s-*social worker* Stephanie Muscat u darb'ohra fejn kien hemm involut is-*social worker* Peter Paul Portelli. Da parte taghha, l-imputata, fl-istqarrija taghha, filwaqt li tichad li kienet offriet xi flus lil Stephanie Muscat, tghid li l-flus li kienet ghaddiet lil Peter Paul Portelli kienu sabiex ikopru xi spejjez tal-ufficcju.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputata, ikun opportun li l-Qorti taghmel konsiderazzjonijiet rigward dak sollevat mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 135) u dana *stante* li wara li fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 120) saret korrezzjoni fic-*charge sheet* f'isem l-imputata, l-Ufficjal Prosekutur qara bil-gurament l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata, liema imputazzjonijiet jaghmlu riferenza ghal: *"talli f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju tal-2011 u fix-xhur ta' qabel"* (*a fol.* 123) mentri fic-*charge sheet*[2] issir riferenza ghal: *"talli f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju tal-2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel"*. Fl-istess sottomissjonijiet, id-difiza taghmel riferenza wkoll ghall-fatt li anke fid-digriet tal-*prima facie* hemm indikat *"talli f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju tal-2011 u fix-xhur ta' qabel"* (*a fol.* 125). Id-difiza tishaq li ladarba

[2] *A fol.* 1.

dan kien il-kaz u ladarba l-atti processwali ma jikkontenjux provi li l-imputata ttantat tikkorrompi xi ufficjal jew impjegat pubbliku minn Jannar 2011 sa Gunju 2011, l-imputata ghandha tigi liberata mill-ewwel. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li apparti l-fatt li d-difiza ghamlet sew li ssollevat din id-differenza pero fl-istess waqt il-Qorti mhijiex ser taccetta l-argument tad-difiza u dana *stante* li l-perijodu *"f'Gunju tal-2011 u fix-xhur ta' qabel"* minghajr ma tissemma l-kelma *"snin"* ma huwiex limitat biss minn Jannar 2011 sa Gunju 2011 pero jkopri wkoll ix-xhur ta' qabel. Ghaldaqstant, l-argument tad-difiza qed jigi respint u b'hekk il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-mertu.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-imputazzjoni ta' tentattiv ta' korruzzjoni tas-*social worker/s*, kif qed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi l-imputata kellha l-hsieb u l-intenzjoni li tikkommetti dan id-delitt u wriet l-istess hsieb permezz ta' xi att esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni tal-istess delitt kif deskritt fl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghandu jigi rilevat illi l-Artikolu 115 citat jirreferi ghal "korruzzjoni" kommessa minn ufficjal jew impjegat pubbliku u in konnessjoni mal-impjieg jew kariga tieghu. Pero Artikolu 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jispjega illi fil-kaz, ma' ohrajn, tal-Artikolu 115 citat, il-persuna li tikkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku, ghandha titqies bhala komplici u f'kaz li d-delitt ma' kienx kommess mill-istess ufficjal jew impjegat, il-persuna li tittantah li thajjru jaghmel dan id-delitt jehel il-piena specifikata.

Illi Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati:
>
> (a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;
>
> (b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;
>
> (ċ) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin".

Illi, in effetti, il-kuncett baziku sottolineat hu li tingheleb severament l-vendita mill-ufficjal pubbliku li fl-esekuzzjoni tad-doveri tieghu jaccetta remunerazzjoni illecita u ma hiex lilu

dovuta, u dan ghaliex hu fl-interess generali li hadd ma jirreka diskreditu jew suspett fuq l-amministrazzjoni pubblika, liema amministrazzjoni ghandha taghti l-obbligi taghha gratuwitament

Illi **Maino** fil-ktieb tieghu *"Commento al Codice Penale Italiano"*[3] jghid hekk:

> *"Ne si puo fare distinzione se lo utilita data o promesso sia grande o piccolo".*

Fil-fatt l-awtur Taljan **Pessina** fil-ktieb tieghu *"Elementi di Diritto Penale"*[4] jghid illi meta ssir riferenza ghal flus jew utili iehor:

> *"Non vi é bisogno che il provato interesse del pubblico ufficciale nella corruzione sia sempre pecuniario; basta l'appogamento di un desiderio qualunque, di un bisogno sia diretto e personale sia indiretto".*

Illi l-Qorti tinnota li kemm Artikolu 115 u kif ukoll Artikolu 120(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmlu riferenza ghal*"ufficjal jew impjegat pubbliku"*. Il-Qorti semghet lis-*social workers* kollha[5] li xehdu f'dawn il-proceduri jikkonfermaw bil-gurament li huma *social workers* b'wahda minnhom tispecifika li li hija *social worker* fil-Ministeru ta' Ghawdex[6] u b'ohra tghid li

[3] Vol. II - pg. 208.
[4] Vol. III - pg. 63.
[5] Peter Paul Portelli (*a fol.* 20), Stephanie Muscat (*a fol.* 35), Antoinette Camilleri (*a fol.* 85), Angie Said (*a fol.* 103) u Miriam Farrugia (*a fol.* 108).
[6] Stephanie Muscat (*a fol.* 35).

kienet tahdem fil-Ministeru msemmi[7]. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li dan l-element gie sodisfatt.

Illi l-Qorti tinnota li trid issir il-prova li saret offerta jew promessa ta' rigal liema offerta trid tigi accetata. Jirrizulta li s-*social workers* ma accettaw xejn minn ghand l-imputata. Apparti l-fatt li l-imputata tichad fl-istqarrija rilaxxata minnha li hija kienet offriet xi flus lil Stephanie Muscat, l-imputata taghti spjegazzjoni ghala poggiet xi flus lil Peter Paul Portelli. Il-Qorti semghet ukoll kif is-*social workers* jaccettaw kaxxa cikkulatini u li ma jaccettawx flus. Il-Qorti semghet kemm lil Stephanie Muscat u kif ukoll lil Peter Paul Portelli jixhdu li l-imputata qatt ma talbithom xejn. Artikolu 120(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistupola s-segwenti:

> "Jekk l-ufficjal jew impjegat pubbliku jew persuna ohra ma jaghmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li thajjar lil dan l-ufficjal jew l-impjegat pubbliku jew persuna ohra biex jaghmel id-delitt tehel, meta tinstab hatja [...]".

Ghaldaqstant, irid jigi pruvat li l-imputata ttantat thajjar lis-*social workers* biex jaghmlu delitt. Il-Qorti ma jirrizultalhiex x'inhu dan id-delitt! Il-Qorti anqas ma jirrizultalha x'vantagg setghet tikseb l-imputata b'dak li hija kkonfermat li ghamlet fil-konfront ta' Peter Paul Portelli.

Tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad, il-Qorti tista' tieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet taghha.

---

[7] Angie Said (*a fol.* 103).

**Ikkunsidrat**

Illi, b'riferenza ghall-Artikolu 120(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni taghmel riferenza ghal tlitt okkazzjonijiet partikolari. Fir-rigward tal-ewwel zewg okkazzjonijiet, cioé fejn kienet allegatament involuta Stephanie Muscat, l-imputata tichad dawn fl-istqarrija taghha. Fir-rigward tal-ewwel okkazzjoni, l-imputata tghid li hija ma offriet xejn lil Stephanie Muscat u fir-rigward tat-tieni okkazzjoni, l-imputata tghid li mhux minnu li ghaddiet *envelope* lil Stephanie Muscat f'liema *envelope* allegatament kien hemm mitt Euro (€100.00) u tispecifika li hija qatt ma ghaddiet flus lil Stephanie Muscat. Minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li fir-rigward ta' dawn iz-zewg okkazzjonijiet partikolari l-allegazzjonijiet ta' Stephanie Muscat fir-rigward tal-imputata ma gewx pruvati.

Illi, fir-rigward tat-tielet okkazzjoni, fejn l-imputata kkonfermat li hija kienet ghaddiet xi flus lil Peter Paul Portelli, il-Qorti rat li fl-istqarrija taghha l-imputata tat spjegazzjoni ghala ghamlet hekk, u cioé biex tkopri spejjez ghall-ufficcju. Minkejja li l-Qorti tifhem li s-*social workers* huma f'sitwazzjoni delikata hafna fejn jidhlu l-klijenti taghhom u jridu jaghmlu minn kollox biex ix-xoghol taghhom bl-ebda b'mod ma jkun oskurat u dana *stante* li huma ghandhom rwol importanti hafna x'jilghabu fid-diversi kawzi li jinstemghu mill-Qrati taghna u dana specjalment fejn jidhlu kwistjonijiet familjari, bhal fil-kaz odjern, pero fl-istess waqt il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-imputata ttantat tikkorrompi s-*social workers* imsemmija u ghaldaqstant l-imputata ser tigi liberata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata Maria Georgette Spiteri Gambin hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------